# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **352/2023 AD**

## MICHAEL DEBONO LIMITED (C 10002)

**VS**

## EMANUEL DALLI (K.I. 07485M)

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, sitta (6) ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba għall-ħlas tas-somma dovuta mill-intimat lis-socjeta' attrici Michael Debono Limited fl-ammont ta' sbatax-il elf, erba' mija u ħdax-il euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€ 17,411.75), imressqa permezz ta' rikors ta' Michael Debono Limited preżentat fil-tletin (30) ta' Marzu 2023 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar it-tletin (30) ta' Marzu 2023, Catriel Farrugia, għan-nom u in rappreżentanza tas-socjeta' Michael Debono Limited, ikkonferma bil-ġurament tiegħu u talab kif isegwi:

a. Illi s-soċjeta' attriċi hija kreditriċi tal-konvenuta, fl-ammont ta' sbatax-il elf, erba' mija u ħdax-il euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€ 17,411.75) rapprezentanti in kwantu għal-bilanċ ta' prezz tal-vettura tip ta' Toyota Proace mibjugħa u konsenjata lil intimat u dan wara skrittura ta' Hire Purchase Agreement datata 13 ta' Ġunju 2019, li kopja tiegħu annessa u mmarkata bhala 'Dokument A', liema vettura ġiet ritornata lis-soċjetà attriċi, wara li l-intimat kien moruż fil-ħlas tal-istess. Minħabba l-morożità tal-intimat s-soċjetà attriċi qed teżerċita d-dritt mogħtija lilha skont Artikolu 6.3 tal-istess skrittura u qiegħda titlob l-ħlas tal-bilanċ kollu rimanenti tal-prezz, tal-imsemmija vettura.

b. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn ċert, likwidu u dovut u, fil-fehma tal-istess soċjetà attriċi jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ, billi fil-fehma tal-istess soċjetà attriċi, l-intimata m'għandha l-ebda eċċezzjoni xi tressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont.

c. Illi għalkemm il-konvenut ġie interpellat sabiex iħallas l-imsemmi ammont, huwa baqa' inadempjenti u ma ħallas.

d. Dawn il-fatti huma magħrufa lill-esponenti personalment.

e. Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi s-soċjetà attriċi titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

3. Għaldaqstant is-socjetà attriċi talbet lil din il-Qorti sabiex:

I. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ, għall-finijiet ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

II. Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' sbatax-il elf, erba' mija u ħdax-il euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€ 17,411.75).

III. Tikkundanna lill-konvenut iħallas s-somma ta' sbatax-il elf, erba' mija u ħdax-il euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€ 17,411.75).

Bl-ispejjeż inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru u l-mandat ta' qbid prezentati kontestwalment ma` dan ir-rikors ġuramentat, oltre l-imgħaxijiet legali sal-jum tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li huwa min issa stess inġunt ghas-subizzjoni tieghu.

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar il-ħamsa (05) ta' April 2023, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar it-Tlieta, ħamsa u għoxrin (25) ta' April 2023, b'ordni lill-konvenut sabiex jidher f'dik il-ġurnata u jwieġeb għat-talba tas-socjetà attriċi, u, fin-nuqqas, tgħaddi u tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi;

5. Il-konvenut ġie debitament notifikat bir-rikors ġuramentat nhar id-disgħa (09) ta' Mejju 2023;

6. Il-Qorti, waqt is-seduta tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju 2023 laqgħet it-talba għal differiment maghmula mill-partijiet stante li kien hemm il-possibilità ta' tranżazzjoni. Il-partijiet iżda qablu li kemm-il darba t-transazzjoni ma sseħħx kellhom jinżammu fermi l-effetti tal-Art. 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Il-konvenut, debitament notifikat u msejjaħ diversi drabi, ma deherx waqt is-seduta tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru 2023 u l-Qorti giet infurmata mid-difensur tas-socjeta' rikorrenti li t-transazzjoni bejn il-partijiet ma sehhitx.

**Il-Qorti**

8. Wara illi rat l-atti

9. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

10. Fl-ewwel lok, in konsiderazzjoni tan-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-konvenut sabiex il-kawża tinstema' bid-dispensa tas-smigħ, il-Qorti tqis illi l-ewwel talba tar-rikorrenti għandha tintlaqa';

11. Fit-tieni lok, il-Qorti tqis illi jista' jitqies sodisfaċentement pruvat il-fatt illi l-konvenut kien obbliga ruħu, permezz ta' ftehim datat 13 ta' Ġunju, 2019 u li baqagħlu jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' **sbatax-il elf, erba' mija u ħdax-il Euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu** (€17,411.75);

12. Il-fatt illi l-bilanċ għadu dovut fl-intier tiegħu, huwa fatt illi ma ġiex kontestat. Hekk kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Francis Fenech vs Joseph Xerry et***[1]:

> *Illi f'kawżi għall-ħlas ta' allegat dejn, il-piż tal-prova tal-eżistenza tad-debitu jaqa' fuq l-attur. Ġaladarba jressaq din il-prova, imbagħad il-piż idur fuq il-konvenut biex jipprova l-ħlas:*
>
> > *"Illi bħala kreditur, l-attur hu fid-dmir li jipprova li jeżisti debitu, li dan id-debitu għadu dovut, u li d-debitur tiegħu baqa' inadempjenti fil-ħlas. Hu biss meta tiġi realizzata u sodisfatta din il-prova illi mbagħad l-oneru jisposta fuq il-konvenut debitur li jallega l-pagament. Dan il-prinċipju għandu l-fondament tiegħu fuq il-bażi li kulħadd għandu jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu. Kif deċiż, "fil-każ ta' konflitt serju bejn il-kontendenti*

[1] Rik Nru 1278/2008, Prim'Awla (Qorti Ċivili), Onor Imħ Grazio Mercieca, 10 t'Ottubru 2019 (in ġudikat)

> *fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe, l-attur l-esiġibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta' l-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-prinċipju 'actore non probante reus absolvitur'" – "**Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri",** Qorti Ċivili, Prim'Awla, per Imħ Maurice Caruana Curran, 27 ta' Mejju 1970"* [Taliana Carmen v. Vassallo Cesareo Leonard 03.11.2004 QA(PS)]

Il-konvenut ma ġab l-ebda prova illi effettivament għamlet xi ħlas. Infatti, minkejja illi ġie debitament notifikat bir-rikors odjern u li deher fl-udjenza tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju 2023 naqas milli jattendi għas-seduta sussegwenti u/jew mill-inqas jibgħat rappreżentant legali sabiex jidher għan-nom tiegħu. **Għaldaqstant, il-Qorti qed tasal għall-konklużjoni illi t-talba tas-soċjetà attriċi għandha tintlaqa'**;

13. F'dak illi jirrigwarda t-talba tas-socjetà attriċi għall-ħlas tal-imgħaxijiet legali, il-Qorti tinnota illi l-Artikolu 1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*
>
> *(2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*

14. L-Artikolu 5 tal-Kap 13 jiddefinixxi bħala *att ta' kummerċ*, *"kull operazzjoni li għandha x'taqsam ma' soċjetajiet kummerċjali jew ma' l-azzjonijiet tagħhom"*, u għalhekk m'hemm l-ebda dubju illi l-każ odjern jinkwadra ruħu

fis-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 1141 riprodott hawn fuq, b'dana illi l-imgħax legali għandu għalhekk jiddekorri mid-data illi fiha kellha tiġi esegwita l-obbligazzjoni, u cioe mid-data ta' meta ġiet ifirmata l-iskrittura mmarkata bhala **Dok A** annessa mar-rikors promotur (a fol 6 tal-proċess).

**Decide**

15. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **__Tiddikjara__** illi l-ewwel talba ġiet sorvolata, u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha;

(ii) **__Tilqa__'** t-tieni talba attriċi in kwantu tikkundanna lill- konvenut jħallas lis-socjetà attriċi Michael Debono Limited s-somma dovuta ta' **sbatax-il elf, erba' mija u ħdax-il euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€ 17,411.75)**, liema somma tirrappreżenta bilanċ mhux imħallas minn prezz ta' vettura mibjugħa u konsenjata lill-konvenut mill-istess soċjetà attriċi;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru u l-mandat ta' qbid li ġew intavolati kontestwalment mar-rikors ġuramentat, u l-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data illi fiha ġie ffirmata l-iskrittura kif riżultanti mill-*agreement* anness mar-rikors promotur u mmarkat bhala **Dok A** sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**